MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1612/2005

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Camilleri Adriana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u tletin Lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm235.73), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ha konjizzjoni tan-nota tas-socjeta` attrici pprezentata fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2005 fejn l-istess socjeta` attrici rriduciet it-talba fl-avviz ghas-somma ta' mija u hamsa u

tmenin Lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm 185.73);

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u tmenin Lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm 185.73), bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' l-Avviz, u bl-ispejjez ta' din l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------